Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,679, 6 ta' Awwissu, 2021
Taqsima B

A.L. 324 tal-2021

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI (KAP. 364)

Ordni tal-2021 li jemenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa għall-finijet tal-artikolu 23 (Emenda Nru 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 23 tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2021 li jemenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa għall-finijiet tal-artikolu 23 (Emenda Nru 3) u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa għall-finijiet tal-artikolu 23, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". L.S. 364. 12.

Jemenda l-artikolu 5 tal-ordni prinċipali.

2. L-artikolu 5 tal-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, il-kliem "l-1 ta' Awwissu 2021" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-1 ta' Jannar 2022";

(b) fil-paragrafu (b) tal-ewwel proviso tiegħu, il-kliem "mit-31 ta' Awwissu 2021" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mill-31 ta' Jannar 2022"; u

(ċ) it-tieni proviso tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-kliem "l-1 ta' Awwissu 2021" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-1 ta' Jannar 2022";

(ii) il-kliem "mill-31 ta' Jannar 2022" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mit-30 ta' Ġunju 2022"; u

(iii) il-kliem "mit-28 ta' Frar 2022" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mill-31 ta' Lulju 2022".